# Innu Solenni lil Ġesù Salvatur (IV)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fis-serje ta' kitbiet dwar l-Innu kapolavur tas-Surmast Miruzzi tas-sena li għaddiet konna tajna xi tagħrif fuq l-Għolja Tabor. Tagħrif ieħor ngħata fuq San Luqa, kif ukoll fuq it-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur skont l-Evanġelista kif irrakkuntata f'Kapitlu 9, 28-36. Mil-lat mużikali mbagħad, tajna ħarsa estensiva lejn l-arja tal-Baxx in Re*b* Maġġuri u miktuba fi stil kważi-pentatoniku. Dis-sena ser inħalli f'idejn San Pietru biex fi kliemu stess jirrakkuntalna dil-ġrajja daqshekk kbira kif tidher fit-tieni ittra tiegħu, Kapitlu 1, 16-18. Dil-ittra kien indirizzaha lill-Insara kollha bla ebda distinzjoni. Min-naħa tiegħi wkoll, għal dis-sena ħsibt li nitkellem fuq l-Għanja ferm sabiħa li titkanta mill-Kor puerili li tidher fi tliet bnadi differenti ta' dal-Innu Solenni. Peress ukoll li s-sena l-oħra Mro. Antonio Miruzzi għalaq 150 sena minn twelidu, u peress ukoll li s-sena d-dieħla ser jagħlaq 75 sena minn mewtu, inħoss li għandi nibqa' naġġornakom dwar ħajtu u ħidmietu. Għal dal-għan, fl-istess ktieb tal-festa għandkom issibu artiklu żgħir ieħor minn tiegħi li jittratta dwar id-data vera tat-twelid tiegħu. Inħeġġiġkom biex taqrawh ukoll.

Kliem muftieħ: Tabor, San Luqa (Evanġelista), Mro. Antonio Miruzzi, Innu solenni lil Ġesù Salvatur (Lija), University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).

Ħafna jsostnu li l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni kif rakkuntata fl-Evanġeli sinotiċċi ta' San Mattew (17: 1-8), San Mark (9: 2-8), San Luqa (9: 28-36) u t-Tieni Ittra ta' San Pietru (1: 16-18), hemm ħjiel tagħha wkoll fil-Vanġelu skont San Ġwann (1:14) meta jalludi għaliha b'dal-mod: '*U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja l-verità*'.

Fit-Tieni Ittra tal-Appostlu San Pawl lill-Korintin (1:18) ukoll b'xi mod insibu referenza għal dil-ġrajja meta jgħidilna li: *Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skont ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu*. Dis-sentenza tat lok għal bażi teoloġika biex wieħed jibda jikkonsidra t-Trasfigurazzjoni bħala t-tluq għal proċessi li jwassluna għall-għarfien t'Alla.

U biex nibqgħu dejjem fuq it-tema tat-Trasfigurazzjoni tajjeb ngħidu wkoll li, minbarra il-15-il Misteru, miġburin fi tliet forom tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja li soltu konna mdorrijin nitolbu bihom, żdiedu ħamsa oħra magħhom taħt il-Misteri tad-Dawl biex jibdew jingħadu kull nhar ta' Ħamis. Jingħad li, dal-Misteri li tana l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-2002 huma direttament ispirati mit-tagħlim ta' Dun Ġorġ dwar ir-Rużarju. Il-waqqaf tal-M.U.S.E.U.M. kien iddikjarat beatu sena qabel, imma l-ħames Misteri tad-Dawl Dun Ġorġ kien ilu li tahom lill-membri tal-Għaqda sa mill-1957. Ir-raba' mill-ħames Misteri, li kollha huma meħudin mill-ħajja pubblika ta' Ġesù, hija proprju ta' meta ttrasfigura ruħu quddiem id-dixxipli tiegħu fuq il-muntanja Tabor.

| |
|---|
| Taqbila - Iz-zija ta' Ħal Lija:<br>Jiena sfart daqs il-lumija, / Qbadt qasrija tfajtha 'l ħija. /<br>Ilqatt iz-zija li din toqgħod / Numru mija, Triq San Lija, ġo Ħal Lija! (Għeluq taqbila) |



It-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur skont it-tieni ittra ta' San Pietru:

San Pietru kiteb żewġ ittri u t-tnejn jinsabu mniżżlin fit-Testment il-Ġdid. Lilna tinteressana t-tieni waħda peress li fl-ewwel kapitlu jitkellem fuq it-trasfigurazzjoni tas-Salvatur, liema ġrajja huwa esperjenzaha għax kien wieħed mit-tliet dixxipli li ġew imsejħin minn Ġesù biex miegħu jitilgħu fuq il-muntanja Tabor. Dil-ittra kienet indirizzata lil ċirku wiesa' ta' nsara tal-bidu. L-ittra nkitbet f'Ruma aktarx fis-sena 67 w.K. (Fl-istampa: *St. Peter's delivery from prison* meħuda mill-ktieb *Illustrated Bible History of the Old and New Testaments* (1946) ta' Ignatius Schuster, D.D., b'illustrazzjonijiet ta' Philip Schumaker, p. 373)



Min kien storikament San Pietru?: L-isem Pietru ġej mill-Grieg *Petros* li, l-istess bħall-kelma Aramajka *Kefas*, tfisser sempliċiment *blata*. Dan hu l-laqam li bih Ġesù ried jindirizza lill-prinċep tal-Appostli u Kap tal-Knisja. It-Testment il-Ġdid isejjaħlu *Xmun* għax kien isem ferm popolari fost il-poplu Lhudi. Pietru kien mill-belt żgħira ta' Betsajda li tinsab max-xtajta ta' fuq u lejn il-Lvant tal-għadira ta' Tiberija. Missieru kien jismu Ġona u kellu ħuh Sant Andrija. Iż-żewġt aħwa kienu sajjieda. Pietru, flimkien ma' Ġakbu l-Kbir u Ġwanni, kien xhud tal-aqwa ġrajjiet fil-ħajja ta' Ġesù, fosthom il-qawmien mill-mewt ta' bint Ġajru u għat-trasfigurazzjoni u l-agunija ta' Ġesù f'Ġetzemani. Kien l-ewwel wieħed li beda jippriedka l-Bxara t-Tajba f'Ġerusalemm u l-madwar fejn waqqaf ukoll l-ewwel komunità. Knisja oħra lokali li waqqaf Pietru kienet dik ta' Antjokja, il-belt kapitali tas-Sirja. Mhux magħruf fejn mar Pietru wara l-Konċilju ta' Ġerusalemm tas-sena 51. Li nafu hu, li lejn l-aħħar ta' ħajtu għamel xi żmien mhux ħażin Ruma fejn waqqaf is-sede tiegħu u fejn sofra l-martirju tiegħu permezz tat-tislib rasu 'l isfel. Dan kien fis-sena 64 jew 67 fi żmien l-persekuzzjoni ta' Neruni. Aktarx li ġie midfun fejn illum hemm il-Bażilika tal-Vatikan. Fil-pitturi u xogħlijiet artistiċi oħra ħafna drabi nsibu lil Pietri bl-imfietaħ f'idejh bħala simbolu li hu l-Kap tal-Knisja. Il-festa tiegħu, flimkien ma' dik San Pawl, tiġi solennement iċċelebrata nhar id-29 ta' Ġunju, komunement magħrufa fostna l-Maltin bħala il-festa tal-Imnarja. (Il-Martirju ta' San Pietru impitter fl-1750 mill-artist Dun Carlo Dimech (c. 1696-1766) li jinsab fil-Bażilika, Nadur, Għawdex)



KAPITLU 1, 16-18: ***Aħna ma konniex qegħdin nibnu fuq ħrejjef maħluqa minn moħħna meta għarrafniekom dwar il-qawwa ta' Sidna Ġesù Kristu u dwar il-miġja tiegħu. Rajna b'għajnejna aħna stess il-kobor tiegħu meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieħ u sebħ, u leħen mit-tron Glorjuż instama' jgħid għalih: "Dan hu Ibni, l-għażiż tiegħi, li bih jien nitgħaxxaq." Aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa."***

(It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù: Robert Caruana Dingli (1876-1950) - arzella, knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex)

**L-Għanja tal-Kor**

| Ittra | Battuti | Temp | Tonalità | Espressjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| I u J | 182 -233 | 2/4 | Fa Maġġuri | *Allegretto* |
| (M)* | 286- 333 | 2/4 | Fa Maġġuri | *Allegretto* |
| (P)** | 382-430[1] | 2/4 | Fa Maġġuri | *Allegretto* |

*Wara erba' battuti mill-ittra M.
** L-eqreb ittra hija P li qiegħda 14-il battuta qabel l-*Allegretto*.

Fl-*Innu lil Ġesù Salvatur*, l-Għanja tal-Kor tidher tliet darbiet kif muri fit-tabella t'hawn fuq. L-ewwel darba li tidher hu f'battuti 182-233. Dil-għanja għandha tliet taqsimiet kif ġej: (a) u (a[1]) = 32-il battuta + (b) = 8 battuti [replikata] + (ċ) = 12-il battuta.

(a) L-ewwel taqsima fiha żewġ partijiet. L-ewwel waħda għandha introduzzjoni qsajra li permezz tagħha l-kompożitur jintroduċi temp ġdid fir-ritmu ta' marċ maestuż. Imbagħad jidħol il-Kor ikanta għanja mill-aktar sempliċi u ferrieħa. Dil-għanja, li tibda *in aria*, għandha żewġ frażijiet ta' tmien u seba' battuti rispettivament. Iżda għalkemm it-tieni waħda tibda bħal ta' qabilha, tagħlaq b'kadenza perfetta. F'dik li hi sturmentazzjoni mbagħad, il-Kor hu akkumpanjat biss mill-klarinetti, korni, ewfonji sekondi u baxxi, filwaqt li l-flawt u l-kwartin, flimkien mal-kurunetti primi, jimxu mal-melodija (eż. 1):




(a[1]) Fit-tieni parti tal-ewwel taqsima l-istess għanja tirrepeti ruħha, bid-differenza li mal-Kor issa jingħaqdu wkoll it-Tenur u l-Baxx. Magħhom jingħaqdu wkoll ħafna strumenti jdoqqu l-melodija fl-unisonu, filwaqt li mal-korni issa jiżdiedu t-trumbuni biex isaħħu r-ritmu fl-akkumpanjament. Ma jonqsux ukoll, l-istrumenti tal-perkussjoni li bit-taħbit tagħhom ikomplu joħolqu dil-atmosfera brijuża. Wieħed ma jridx jinsa wkoll il-qniepen li bil-leħen ferrieħi tagħhom ikomplu jagħtu dik il-laqta festiva lil dal-battuti.

(b) It-tieni taqsima (b. 214[2]-222[1]) hi fil-fatt it-tkomplija tal-istess għanja, fejn Kor, Tenur u Baxx ikomplu minfejn ħallew, u bil-banda sħiħa takkumpanjahom. Madankollu, hi karatterizzata minn għadd ta' inċidenti mużikali li jagħmlu minn dis-sentenza xi ħaġa unika fix-xogħol kollu, bħal ngħidu aħna, il-waqfa xejn mistennija f'nofsha fejn kulħadd jieqaf zobtu u jħalli 'l-aspett[1] jitkellem waħdu. Trid tkun tabilħaqq mgħallem sew fl-arti mużikali biex tagħmel xi ħaġa bħal din – xi ħaġa li żgur mhux ser tażżarda tagħmel jekk ma tkunx ċert mill-impatt li tista' tħalli wara. U peress li dal-passaġġ jirreplika ruħu, dil-waqfa tiġri darbtejn, fejn nimmaġina li mbagħad, is-semmiegħa jkunu qegħdin jantiċipawha. Importanti hawnhekk li kulħadd jaqta' u jerġa' jidħol flimkien mas-surmast għax inkella l-effett maġiku tagħha jista' jintilef. Xi ħaġ' oħra li wieħed ta' min jitkellem fuqha hi l-kromatiċità fl-ewwel frażi tas-sentenza li tilħaq il-qofol tagħha bl-użu tas-sesta awmentata[2]. Fl-ewwel taqsima dil-ħaġa ma kenitx preżenti, bil-konsegwenza li qed jinħoloq kuntrast

---

[1] Hija kelm' oħra għal msitrieħ jew twaqqif li permezz tiegħu tista' twaqqaf l-għemil tad-daqq sakemm ikun hemm bżonn.
[2] Bl-Ingliż, *German 6*$^{th}$: hija korda magħmula minn trijadi maġġuri, jiġifieri grupp ta' tliet noti li jikkonsistu f'nota u t-terza maġġuri, u l-kwinta perfetta ta' fuqha. Ma' dawn tiżdied is-sesta awmentata. Dil-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri tal-iskala

bejn it-tnejn. Min-naħa tagħha, it-tieni frażi tiġbor fiha grupp kadenzjali li bħalu nkunu għadna kif smajna fi tmiem l-ewwel taqsima (eż. 2):




(ċ) It-tielet u l-aħħar taqsima (b. $222^{2}$-233), li tiġi eżatt wara r-replika, hi bħal koda li toffri tmiem għal dil-għanja, u li hi magħmula minn grupp kadenzjali mtenni (eż. 3). Dal-grupp t'erba' battuti jiftaħ bl-iskala dijatonika in Fa Maġġuri. Din tkun imqassma fi kromi ndaqs u mdaqqa stakkata fl-unisonu - liema skala nsibuha mbagħad ittrasportata fi kjavi oħra fl-Arja tal-Baxx li tiġi eżatt wara. Dil-iskala tagħti għal fuq tliet akkordji, b'tal-ewwel terġa' tkun is-sesta awmentata, filwaqt li, it-tnejn l-oħra joħolqu kadenza perfetta bejniethom. Wieħed jinnota li fil-każ tal-korda kromatika, il-kompożitur għażel li jmur dritt lejn id-dominanti, bil-konsegwenza li ħoloq par kwinti projbiti. Ċert li, il-kompożitur kien konxju minn dal-iżball, għax kieku ried, seta' għażel tip ta' sesta awmentata oħra li tbarri dil-problema. Imma għiduli ftit min ser jagħti każ ta' dawn it-tintufiet żgħar meta l-banda hi għaddejja fl-aqwa tagħha. Intant, l-aħħar erba' battuti tal-koda huma ddominati minn roll kontinwu fuq it-tanbur u l-katuba. Hawn jerġgħu jispikkaw ħafna l-waqfiet bejn it-tlitt inċiżjonijiet żgħar tal-istess akkordju mill-banda kollha.




L-istess Għanja tal-Kor (b. 286-334) nerġgħu niltaqgħu magħha wara li tintemm l-Arja tal-Baxx, u li fiha jibqa' kollox kif inhu nota b'nota. Mhux l-istess iżda fit-tielet dehra tagħha f'battuti 386-429, fejn l-*Allegretto* did-darba jiftaħ b'introduzzjoni t'erba' battuti bl-istrumenti kollha jdoqq fl-unisonu fir-reġistru l-aktar adattat għalihom. Fil-każ taż-żewġ taqsimiet l-oħra mbagħad, (b) u (ċ), kollox jibqa' l-istess. Huwa biss wara li l-affarijiet jinbidlu, għax minn *codetta* din titwessa' u ssir *coda*. Ir-roll fuq it-tanbur solo xorta jibqa', u bil-bqija tal-banda ttanbar bil-qawwi, għall-ewwel fuq l-istess żewġ akkordji jalternaw, u mbagħad b'oħrajn aktar kromatiċi fosthom, għall-aħħar darba, is-sesta awmentata. Din tkun l-aħħar darba wkoll li, nisimgħu l-kor u l-vuċijiet soli jkantaw flimkien '*Għal li semgħu mill-Mulej*'. Dil-koda tgħaqqadna mal-*Maestoso* li bih jagħlaq dal-Innu Solenni fost iċ-ċapċip mimli entużjażmu min-naħa tal-ammiraturi, kif ukoll, id-devoti ta' Ġesù Salvatur.

---

(ġieli wkoll fuq it-tieni grad minuri). Minħabba f'hekk, is-Sesta Ġermaniża hija waħda kromatika. Biex inġibu eżempju, jekk qegħdin in Fa Maġġuri, l-akkordju jiġi jaqra hekk: RE bemoll, FA, LA bemoll, u SI naturali. Dil-korda ma tridx tirsolvi dritt għal fuq id-dominanti (V) għax inkella toħloq il-kwinti konsekuttivi mhux permessi. Minflok, għandha l-ewwel tirsolvi fuq il-korda tonika fit-tieni inverżjoni u mbagħad tmur lejn id-dominanti (Ic – V).

Fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla ser indur tal-aħħar fuq tliet passaġġi, tnejn minnhom strumentali, li jinsabu fl-istess Innu Solenni. Dawn huma: (1) il-*Maestoso* tal-introduzzjoni (b. 1-47), (2) il-passaġġ li jiġi eżatt wara u li fih jibdew deħlin il-vuċijiet aktarx fi stil reċitattiv (b. 48-108), (3) l-*Andante* (b. 170-181) fejn it-Tenur u l-Baxx jerġgħu jisirqu ftit ix-xena.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Lijani fl-okkażjoni tal-festa titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu Salvatur fuq it-Tabor li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'Ħal Lija, u fl-okkażjoni tal-20 sena tal-orkestra tal-UoM Junior College taħt id-direzzjoni tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)